# ZJARA LILL-ART IMQADDSA
## (Mill-10 sal-25 ta' Settembru 1964)

F'din is-safra għat-Terra Santa ħadu sehem 48 Pellegrini Maltin, l-aktar fosthom imseħbin tal-"Museum," li ngħaqdu ma' ġemgħa ta' 37 oħra Ingliżi, li ġew mill-Ingilterra. Kienet xorti tas-sew mis-sema, li messitna u ħaditna biex naraw b'għajnejna u mmissu b'idejna l-Imkejjen Imqaddsa, fejn ħa l-ġisem l-Iben t'Alla; fejn twieled, trabba, għallem, mexa fuq il-baħar; fejn miet mislub, u mnejn qam minn bejn l-imwiet, u mnejn fl-aħħar tala' s-sema.

Mingħajr dubju, l-Pellegrinaġġ tagħna kien l-ewwel Pellegrinaġġ li qatt telaq minn Malta bla ħafna tbatija u tiġbid; u telaq bl-ajru, m'hux bil-baħar, minn pajjiż għall-ieħor, kif dejjem kellu jsir s'issa. Barra milli dan it-taħbit kien imwarrab kollu, innefqa wkoll ma kenitx kbira, għax l-ebda Pellegrinaġġ minn Malta għall-Art Imqaddsa, ħlief dan tagħna, ma sewa qatt anqas minn mitt lira.

Minn Malta għal Palestina, bl-ajruplan, domna sejrin biss ħames siegħat. U fuqu, bejn li wieħed jgħid ħames posti Rużarju u bejn jiekol xi ħaġa, u wkoll jgħid xi ċajta, il-ħin itir; u ħin bla waqt jgħidulek: "Aħseb biex tinżel, għax wasalna!" Waqafna ftit f'Damasku, il-belt li qrib tagħha biddel ħajtu san Pawl, u minn hemm bqajna sejrin bl-istess ajruplan, lejn Għammân, il-belt il-kbira tal-Ġordanja. U billi l-lejl kien għamel ġmielu, ma kienx jaqbel li nitilqu dak il-ħin lejn Ġerusalem. Għal hekk irqadna f'lukandi sbieħ, f'Għammân. Il-għada qattajna il-ħin ta' fil-għodu qalb il-Għarab, li jitkellmu qishom bil-Malti. Dorna dawra mal-belt, u wara rħejnielha lejn Ġerusalem.

Kif wasalna, morna dritt il-lukanda. Aħna l-Maltin qagħadna f'lukanda waħda, mibnija fuq il-Muntanja taż-Żebbuġ, li wisq drabi żarha, u qagħad fiha, iljieli u nhâr, Sidna Ġesù. Il-lukanda qegħda ftit passi bgħid mill-post li minnu Ġesù stess kien tala' s-sema. Minn fuq dik il-għolja għajnejn kull ħadd kienu jgħarrxu fuq il-Belt Imqaddsa ta' Ġerusalem, mifruxa hemm, quddiemna, imdawwra bis-swar, u f'moħħ kull ħadd kienu għaddejin ħsebijiet kbar fuq il-Feddej tagħna.

Ftit ħin wara tlaqna lejn Ġerusalem, u dħalna fiha minn dak il-bieb tagħha li qrib tiegħu l-Lhud kienu ħaġġru lil san Stiefnu. Ftit wara li dħalna l-belt, bdejna t-triq tal-Vija Sagra, li mexa minnha l-Feddej tagħna mgħobbi bis-salib, mit-Torri "Antonia" fejn kien il-Pretorju ta' Pilatu, stazzjon wara l-ieħor, telgħin mat-toroq dojoq li minnhom għadda Kristu, sa ma wsalna l-post fejn kien mislub, fejn miet u wkoll difnuh. Dan il-post, il-Kalvarju, il-lum jinsab mis-swar 'il ġewwa, billi dawn kienu nbnew mill-ġdid, għax fi żmien Kristu l-Kalvarju kien 'il barra mis-swar tal-belt. U dħalna fil-Qabar Glorjuż li minnu Kristu kien ħareġ ħaj.

In-Nisrani li jkun ħaddem u qara l-Vanġelu u l-Kotba Mqaddsa, jħoss fiħ xi ħaġa tal-għaġeb, x'ħin dak li jkun qara fuqu u tkellem fuqu, issa jkun qiegħed jarah b'għajnejh. U jibda jqabbel dak li jkun jaf ħaġa-ħaġa, mal-post fejn kien ta' bilħaqq ġara.

Wara morna nżuru l-Ġetsemni. Iddmugħ jaqbeż waħdu min għajnejk x'ħin tinżel tbus il-blata kiesħa, ġew-

wa nofs ta' knisja kbira, li fuqha Kristu għaraq l-għaraq tad-demm, fil-Ġnien tal-Ġetsemni. Tara b'għajnejk proprju, tmien siġriet kbar taż-żebbuġ, xjuħ għakka, li kienu mħarsin sa minn żmien Kristu n-nifsu, li għadhom iħaddru bi xhieda tal-Agonija tiegħu.

fuq dik il-għolja, li mill-quċċata tagħha, erbgħin jum wara li qam mill-mewt, tala' lejn is-sema, u ħalla r-rifsa ta' siequ stampata, fonda, fil-ġebel qawwi, taż-żonqor. Ma' dik il-għol'a tidher ukoll it-trejqa, li bil-kant tal-*Osanna*, Ġesù għadda minnha riekeb fuq il-ħmara, u daħal rebbieħ



*Il-Grupp tal-Pellegrini Maltin fl-Art Imqaddsa. Is-sur Ġużè Schembri li kiteb dil-kitba hu t-tieni wieħed mill-filliera tan-nofs, fix-xellug.*

Għadu hemm ukoll il-għar kbir, qrib dak il-ġnien, li fih min jaf kemm Ġesù qatta' ljieli jitlob. Għadu hemm dak l-istoriku passaġġ, jew trejqa, minn fejn għadda awl il-lejl tal-mewt tiegħu. Għadu hemm il-post, fit-telgħa tal-Muntanja taż-Żebbuġ fejn Kristu beka meta tbassar x'kellu jgħaddi minn Ġerusalem. Iwa, hemm

f'Ġerusalem, ftit jiem qabel mewtu. Aħna wkoll, kif konna mexjin sarbut ma' dik it-trejqa, kantajna l-Inni tal-*Osanna*. Wara l-Muntanja taż-Żebbuġ rajna r-raħal ta' Betfâġ, u aktar 'l isfel, rajna wkoll lil Betgħanja, fejn kienu jgħammru Marta, Marija, u Lażżru. Il-qabar ta' Lażżru għadu hemm ukoll, u ma' ġenbu hemm

knisja mdaqqsa tal-Franġiskani, mibnija ġdida.

Imbagħad, fil-jiem ta' wara, nsejna t-tbatijiet tal-Kalvarju, meta ħaduna naraw lil Betlehem. Din il-belt għażiża, Betlehem, hija belt ċkejkna, mifruxa ma' għolja ħelwa, kollha bini, u 'l hawn u 'l hemm, fiha wkoll għadd ta' knejjes. Dħalna wkoll fil-knisja kbira, li hija l-Bażilka l-qadima, mibnija minn Santa Liena fuq il-Għar tat-Twelid, u nżilna isfel, ġewwa dan il-Għar qaddis. Tħoss qalbek trid tinqala' u toħroġ minn sidrek meta tintafa' b'wiċċek fl-art, tbus dik ir-roqgħa għażiża, mgħottija bi stella kbira tal-fidda, sewwa sew fejn twieled il-Feddej. Hemm, aħna l-Maltin, kantajna l-koll bil-qalb: "Ninni, la tibkix iżjed!" U smajna l-quddiesa li saret fl-artal fir-rokna fejn kien hemm il-maxtura, u rċevejna lil Ġesù Ostja, lill-istess Feddej, li darba kien twieled ġewwa dak il-Għar.

Żorna wkoll Ġerko u rajna l-Muntanja fejn Kristu kien imġarrab mix-xitan.

Minn Ġerko ħaduna naraw il-Baħar il-Mejjet (li ġewwa fiħ tferra' l-ilma tagħha x-xmara tal-Ġordân), u billi kienet ħafna sħana, tħajjarna ngħumu fiħ. Qalulna li dak il-baħar iżommok fil-wiċċ imqar ma tkunx taf tgħum, għax fiħ kotra kbira ta' melħ u affarijiet kimiki oħra. Imma miskin int jekk jidħollok f'għajnejk l-ilma tiegħu, għax jaħarquk bla ħniena!

Minn hemm morna wkoll naraw ix-xmara mqaddsa u storka tal-Ġordân, fejn kien san Ġwann ixandar il-wasla tas-Saltna t'Alla u l-magħmudija għal maħfra tad-dnubiet, u fejn imbagħad tgħammed Kristu. Inżilna sax-xifer tal-ilma, u ħafna minna ħadu ċagħka mix-xatt tax-xmara biex iġebuha magħhom tifkira.

Morna wkoll is-Samarija, u żorna l-Bir ta' Ġakobb, fejn Ġesù tkellem mal-mara midinba. Kont sa ngħid: "Tara post, tinsa ieħor", iżda mhux hekk. Tara post, u ddaħħlu f'qalbek u f'moħħok, u tibqa' żżid wisq oħrajn miegħu.

Imbagħad għaddejna għan-naħa ta' Israël, minn post jgħidulu *Mandelbaum Gate*, u morna żorna l-Għolja ta' Sjon, fejn hemm il-post fejn mietet il-Madonna, u jmiss miegħu, hemm ukoll iċ-Ċenaklu, is-sala xxurtjata fejn Kristu Bin Alla, waqqaf il-Q u d d i e s a u t-Tqarbin imqaddes. Morna wkoll ir-raħal ta' Għajn Kârem, fejn twieled san Ġwann Battista, u fejn il-Madonna ltaqgħet ma' santa Liżabbetta, meta marret iżżurha.

Dawn il-postijiet kollha li semmejna s'issa, huma fil-Ġudeja, u qrib ta' Ġerusalem; iżda t-trobbija ta' Kristu, u sehem kbir mill-ħajja publika tiegħu, kien fl-inħawi ta' fuq, il-bogħod minn Ġerusalem, f'naħa jgħidulha l-Galileja, li biex tmur fiha minn Ġerusalem, trid tlieta jew erbgħat ijiem mixi, biex tgħaddi minn post għall-ieħor. F'din ix-xaqliba, li jgħidulha Galileja, hemm Nażaret, belt li fi żmien Kristu sewwa kienu jgħammru fiha biss ftit mijiet ta' nies. F'dan il-post għażiż sar il-Misteru tal-Inkarnazzjoni. F'dik ir-roqgħa għażiża li tinsab magħluqa ġewwa Santwarju mill akbar, l-Anġlu Gabrijiel ħabbar lil Verġni Mbierka li Alla kien għażel lilha b'Omm tal-Feddej. Rajna l-fdal tad-Dar żgħira tal-Madonna, u l-post tal-Inkarnazzjoni, li sa minn żmien l-Appostli stess, kien meqjum mill-ewlenin Insara u mill-qraba stess ta' Marija Santissma. Rajna l-għajn tal-ilma minn fejn Ġesù, tifel, kien imur jimla l-ġarra, għal ħteġiet tad-dar tagħhom.

Għaddejna wkoll mit-triq li minn Nażaret tiehu għal Kana, fejn Ġesù għamel l-ewwel miraklu, il-miraklu tal-inbid. Jekk teħodha bil-mixi għandek l-isbaħ sagħtejn. Tlajna fuq il-Muntanja tat-Tabor, fejn Kristu ttrasfigura ruħu quddiem san Pietru, san Ġwann u san Ġakbu, u fejn hemm knisja kbira u sabiħa, mibnija ġdida fuq il-qadima. Din il-Muntanja taqta' nifsek biss tħares lejha, aħseb u ara li kellek titlagħha bil-mixi, kif telagħha sidna Ġesù Kristu. Il-Muntanja Tabor ukoll qegħda qrib Nażaret, fil-Galileja.

Inżilna mbagħad minn hemm, u rħejnielha għal Baħar tal-Galileja, fejn kien jistad san Pietru, meta Kristu qallu biex imur miegħu. Dan il Baħar qiegħed 680 pied iżjed 'l isfel minn wiċċ il-baħar Mediterran; hu kbir armajn daqs Malta. Fuq dan il baħar mexa Kristu, qisu mexa fuq l-art. F'dan ix-xatt min jaf kemm il-darba Ġesù ttratta ma' san Pietru, u darba sikket lil dan il-baħar u lir-riħ, waqt tempesta li kienet sa tgħarraqhom. Fuq dan ix-xatt għad hemm ukoll il-post, ġewwa kappella, li fih Kristu ħtâr lil san Pietru bħala kap tal-knisja tiegħu, wara li qam mill-mewt. Qrib dawn ix-xtut hawn ukoll il-għolja fejn Kristu samma' t-Taħdita l-Kbira tal-Bejatitudni, u fil-belt ta' Kafar-Nahum, li hija wkoll fuq dan ix-xatt, għad hemm il-fdal tas-Sinagoga l-antika, fejn Kristu wiegħed l-Ewkaristija, u fejn mar igħallem nhar ta' Sibt kemm il-darba.

Rajna l-knisja fejn Kristu kien kattar il-ħobż, jiġifieri b'ħames ħobżiet u ftit ħut, kien xabba' xi ħamest elef ruħ. F'din il-kappella jinsab mużajk antik, b'qoffa bil-ħobż u żewġ ħutiet, ħuta kull naħa tal-qoffa.

Fil-qosor, meta żżur dawn il-postijiet egħżież, donnok lil Kristu ssir tafu aktar mill-qrib. U meta tkun rajt dawn il-postijiet egħżież u tiġi lura b'ħeġġa wisq akbar, tieħu pjaċir taqra u tisma' r-rakkonti tal-Vanġelu, u dak li tkun ħassejt fil-ħin li tkun qiegħed f'dawn il-postijiet, itenni ruħu wisq ħelu wara, fil-memorja tiegħek, li aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar tgħożż dak li tkun rajt.

Fl-aħħar nagħlaq din il-kitba xottaxotta, billi ngħid li n-Nisrani li jista' xi darba f'ħajtu jagħmel dan il-Pellegrinaġġ, jekk tas-sew jagħmlu, ikun għamel ħaġa wisq u wisq sabiħa u ta' fejda għal ruħu.

ĠUS. SCHEMBRI
*Segretarju Ġenerali tax-Xirka tal-M.U.S.E.U.M.*

## *LEĦEN L-ART IMQADDSA*

*TIXTIEQ LIL QARREJJA TAGĦHA*

*LI S-SLIEMA TAL-BAMBIN TA' BETLEHEM TINŻEL FUQHOM*

*U TIMLIELHOM QALBHOM BIL-FERĦ U DARHOM BIL-BARKA*

*LI JIBQGĦU MAGĦHOM IS-SENA L-ĠDIDA KOLLHA 1965.*

PAX ET BONUM